# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Disgħa u Għoxrin (29) ta' Mejju 2025**

**Rikors Numru 1143/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Drifter Car Rentals Co. Ltd (C 13960)**

**Vs**

**David Farrugia (K.I: 329970M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 2 ta' Diċembru 2020 li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi s-soċjeta' Drifter Car Rentals Co. Ltd topera fis-setturi ta' trasport u kiri ta' vetturi f'Malta;*

    2. *Illi s-soċjeta' rikorrenti kienet daħlet f'negozjati mall-intimat David Farrugia kif rappreżentat minn Alan Lucchese għal partit u bejgħ tal-body tal-vettura bil-pjanċa numru HMY 258, propjeta' tas-soċjeta' rikorrenti u body tal-vettura numru JVY 014 propjeta' tal-intimat David Farrugia;*

    3. *Illi visto li l-vettura tas-soċjeta' rikorrenti kienet ta' valur akbar, il-partijiet kienu wkoll ftehmu li kellha titħallas is-somma ta' sitt elef ewro (€6,000) lis-soċjeta' rikorrenti kif jirriżulta mill-ftehim datat 16 ta' Settembru 2019 (Anness bħala* ***Dok. A****);*

4. *Illi l-imsemmija skrittura b'mod espliċitu tikkunsidra li:*

   *The number plates will not be sold as part of the sale and Alan will change the plates to JVY 014 in November 2019.*

5. *Illi dakinhar li ġew trasferiti l-vetturi in kwistjoni David Farrugia in mala fede assoluta ġiegħel lir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti jifhem li l-pjanċi JVY 014 u HMY 258 kienu tal-istess tip u valur u għaldaqstant flimkien mall-vetturi, iżda diversament minn dak ġia miftiehem, seħħ trasferiment ukoll tal-pjanċi;*

6. *Illi jirriżulta li l-pjanċa JVY 014 mhijiex 'red plate' kif ingħata x'jifhem ir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti;*

7. *Illi jingħad li l-valur tal-pjanċa HMY 258 hija ta' madwar ħamsa u tmenin elf ewro (€85,000) filwaqt li l-pjanċa JVY 014 li hija 'white plate' għandha valur ferm anqas għall-operat tan-negozju tas-soċjeta' rikorrenti;*

8. *Illi minkejja interpellat diversi drabi sabiex jirritorna l-imsemmija pjanċa HMY 258 u jbiddel ir-reġistrazzjoni tal-istess għall-istatus quo ante l-intimat David Farrugia b'mod abbużiv u b'aġir deplorabbli repetutament irrifjuta li jagħmel dan b'dannu finanzjajru għas-soċjeta' rikorrenti minħabba telf ta' vettura bi skop ta' trasport primarjament sa fejn l-istess jikkonċerna skejjel;*

9. *Illi għaldaqstant kellhom jittieħdu l-proċeduri odjerni;*

*Għaldaqstant, is-soċjeta rikorrenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, għar-raġuniijiet fuq premessi:*

1. *Tiddikjara li t-trasferiment u/jew partit tal-pjanċa HMY 258 mal-pjanċa JVY 014 huwa null u mingħajr effett għax seħħ bi frodi u/jew żball li tolqot is-sustanza tal-oġġett mertu tal-ftehim;*

2. *Tiddikjara li David Farrugia aġixxa in mala fede a dannu tas-soċjeta' rikorrenti;*

3. *Tordna lil David Farrugia jiffirma kwalunkwe dokumenti meħtieġa u/jew jidher sabiex ir-reġistrazzjoni tal-Pjanċa HMY 258, jew ir-'red plate' b'numru ta' reġistrazzjoni divers, tirritorna għall-istatus quo*

*ante f'isem is-soċjeta' rikorrenti Drifter Car Rentals Co. Ltd b'dan li l-'white plate' tiġi ritornata lill-intimat David Farrugia;*

4. *Tappunta kuraturi in sostituzzjoni ta' David Farrugia sabiex jiffirmaw kwalunkwe dokumenti meħtieġa u/jew jidhru sabiex ir-reġistrazzjoni tal-Pjanċa HMY 258, jew ir-'red plate' b'numru ta' reġistrazzjoni divers, tirritorna għall-istatus quo ante f'isem is-soċjeta' rikorrenti Drifter Car Rentals Co. Ltd f'każ ta' inadempiment tal-intimat David Farrugia, b'dan li l-'white plate' tiġi ritornata lill-intimat David Farrugia;*

5. *Tordna n-notifika tad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti lil Transport Malta (Lands Directorate) għall-informazzjoni u l-adempiment tal-istess;*

6. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-soċjeta' rikorrenti f'każ li r-'red plate' ma tistax tiġi ritornata fil-patrimonju tas-soċjeta rikorrenti għal kwalunkwe raġuni;*

7. *Tillikwida bħala telf ta' introjtu d-danni kollha sofferti mis-soċjeta' rikorrenti minħabba t-telf u/jew nuqqas tar-'red plate' mertu tal-proċeduri odjerni;*

8. *Tordna lill-intimat David Farrugia iħallas id-danni likwidati minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż inkluż tal-Ittra Uffiċjali numru 194/2020 u mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1589/2020.*

2. Rat illi fit-22 ta' Jannar 2021 l-intimat laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

   1. *Fl-ewwel lok, in linea preliminari, ir-rikorrenti jeħtiġilha qabel xejn tidentifika bid-dikjarazzjoni appożita, in-natura tal-azzjoni minnha promossa, u/jew l-artikolu rilevanti fil-liġi abbażi ta' liema din l-azzjoni ġiet imressqa; dan bil-għan illi l-intimat ikun f'qagħda aħjar illi jifformula l-kontestazzjoni tiegħu, dwar liema huwa jirriserva li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri, una volta li d-dikjarazzjoni hawn imsemmija tkun saret.*

2. *Fit-tieni lok u fil-mertu, n-negozju ta' bejn il-kontendenti ma sarx b'qerq, vjolenza jew inkella bi żball li jolqot is-sustanza tal-oġġett mertu tal-istess negozju.*

3. *Fit-tielet lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi m'għandhomx jintlaqgħu in kwantu infodati fil-fatt u fid-dritt 'l għaliex imsejsa u bbażati fuq allegazzjonijiet inveritiera kif del resto ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri u fi kwalunkwe każ in-negozju ta' bejn il-partijiet, sar skont kif kien maqbul bejn l-istanti kontendenti, kif imiss u kif trid il-liġi, u għalhekk mhux minnu li n-negozju huwa vvizzjat b'qerq, vjolenza u/jew żball fuq is-sustanza tal-oġġett tiegħu.*

4. *Fir-raba' lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, u f'dak li jirrigwarda t-talbiet tas-soċjetà għad-danni, kwalunkwe responsabiltà addebita lill-esponenti qiegħda tiġi respinta, u dan għar-raġunijiet li sejrin jirriżultaw fil-kawża.*

5. *Fil-ħames lok, b'rabta mal-premess, is-soċjetà rikorrenti ma sofriet l-ebda danni, u għalhekk, it-talba tagħha hija fattwalment u legalment infondata.*

6. *Fis-sitt lok, in kwantu ukoll dak li jirrigwarda it-talbiet għad-danni, mingħajr preġudizzju għall-premess, sejjer jirriżulta fis-smiegħ ta' dan ir-rikors ġuramentat illi jekk is-soċjetà rikorrenti tassew sofriet xi danni, ma tistax titlob riżarċiment mingħand l-esponenti billi tali danni kienu riżultat biss tal-aġir tagħha stess.*

7. *Fis-seba' lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, partikularment għar-raba', l-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet premessi, kwalunkwe danni li setgħet b'xi mod sofriet ir-rikorrenti, jekk jirriżultaw f'kull każ, ma jaħtix għalihom l-esponenti u għaldaqstant it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, għandhom jiġu miċħuda.*

8. *Fit-tmien lok, it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma mill-bqija infondati fil-fatt u fid-dritt, kif sejjer jirriżulta waqt is-smiegħ ta' dan ir-rikors ġuramentat.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, skont il-ħtieġa, u b'riżerva ċara għal kull azzjoni spettanti lill-esponenti, skont iċ-ċirkustanzi.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra is-soċjetà rikorrenti, illi tinsab min issa inġunta għas-subizzjoni.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrenti mar-rikors msemmi, ossija skrittura datata 16 ta' Settembru 2019.

**Provi**

4. Rat in-nota tal-intimat ippreżentata fis-26 ta' Frar 2021 (fol 23 sa 27) kontenenti:

    1. Kopja tal-applikazzjoni mal-Coop Services Limited in konnessjoni mal-vettura HMY-258
    2. Cheque image ta' ċekk maħruġ minn David Farrugia u martu Julie Farrugia lil Drifter Co Limited nhar il-11 ta' Novembru 2019
    3. Kopja tal-polza ta' assigurazzjoni tal-vettura HMY-258
    4. Kopja tal-logbook tal-vettura HMY-258

5. Semgħet ix-xhieda ta' **Steward Abdilla** bħala rappreżentant tal-Coop Services Limited mogħtija fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2021 (fol 34-38 et seq).

6. Semgħet ix-xhieda ta' **Brian Farrugia** bħala rappreżentant ta' Transport Malta mogħtija fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2021 u rat id-dokumentazzjoni eżebita minnu (fol 39-72).

7. Semgħet ix-xhieda ta' **Brian Farrugia** bħala rappreżentant ta' Transport Malta mogħtija fis-seduta tal- 15 ta' Diċembru 2021 (fol 74-80).

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Brian Farrugia** bħala rappreżentant ta' Transport Malta mogħtija fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2021 (fol 82-83).

9. Semgħet ix-xhieda ta' **David Farrugia** mogħtija fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2021 (fol 84-88).

10. Rat illi permezz ta' digriet datat 30 ta' Mejju 2022 il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti relattivi għar-rikors revoka ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 1123/2021 deċiż fid-29 ta' Marzu 2022.

11. Semgħet ix-xhieda ta' **Alan Lucchese** mogħtija fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2022 (fol 92-95 et seq).

12. Semgħet ix-xhieda ta' **Jeremy Attard** mogħtija fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2022 (fol 96-98 et seq).

13. Semgħet ix-xhieda ta' **Steward Abdilla** mogħtija fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2022 u rat id-dokumentazzjoni eżebita minnu (fol 99-113).

14. Semgħet ix-xhieda ta' **Kelly White** mogħtija fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2022 (fol 115-116 et seq).

15. Semgħet ix-xhieda ta' **Andrea Arrigo Azzopardi** mogħtija fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023 u rat id-dokumentazzjoni eżebita minnha (fol 115-180).

16. Semgħet ix-xhieda ta' **John Borg** mogħtija fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2023 (fol 182-189 et seq).

17. Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2023 ġie ddikjarat illi s-soċjeta' rikorrenti ma għadx għandha provi x'tippreżenta.

18. Semgħet ix-xhieda ta' **Johanna Bartolo** bħala rappreżentanta tal-Bank of Valletta Plc mogħtija fis-seduta tal-24 ta' April 2024 u rat id-dokumentazzjoni minnha eżebita (fol 199-207).

19. Semgħet ix-xhieda ta' **Steward Abdilla** bħala rappreżentant tal-Coop Services Ltd mogħtija fis-seduta tal-24 ta' April 2024 (fol 208-208 et seq).

20. Semgħet ix-xhieda ta' **Massimiliana Gatt** bħala rappreżentanta ta' Island Insurance mogħtija fis-seduta tal-24 ta' April 2024 (fol 209- 209 et seq).

21. Semgħet ix-xhieda ta' **David Farrugia** mogħtija fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2024 (fol 211-223).

22. Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2024 il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali.

23. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mis-soċjeta' rikorrenti fis-16 ta' Jannar 2025 (fol 225-238).

24. Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2025 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-intimat.

25. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-intimat fit-13 ta' Marzu 2025 (fol 240-252).

26. Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2025 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

27. Rat in-nota ppreżentata mis-soċjeta' rikorrenti fl-1 ta' April 2025 li permezz tagħha qiegħda ċċedi in parte l-ewwel talba sa fejn l-istess tikkunsidra 'frodi' b'dan li żżomm ferm u mhux preġudikat l-istess talba bbażata fuq żball li tolqot is-sustanza tal-oġġett u l-bqija tat-talbiet in toto.

**Fatti tal-Każ**

28. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti topera fis-setturi ta' trasport u kiri ta' vetturi f'Malta.

29. Jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi kienet daħlet f'negozjati ma' Alan Lucchese, li kien qiegħed jidher a nom tal-intimat David Farrugia sabiex isir bejgħ tal-body tal-vettura bil-pjanċa HMY 258 li kienet proprjeta' tas-soċjeta' rikorrenti u body tal-vettura bil-pjanċa JVY 014 proprjeta' tal-intimat David Farrugia.

30. Jirriżulta illi fis-16 ta' Settembru 2019 saret skrittura bejn Alan Lucchese u s-soċjeta' rikorrenti, rrappreżentata minn John Borg (fol 7).

31. Jirriżulta illi ġie miftiehem illi l-intimat David Farrugia jħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sitt elef Ewro (Ewro 6000).

32. Jirriżulta illi fl-imsemmija skrittura kien hemm imniżżel is-segwenti:

> *"This is to confirm that Alan Lucchese of ID card number 299874M is purchasing the body only of the HMY 258 which will be available in November 2019.*

> …
>
> *The number plates will not be sold as part of the sale and Alan will change the plates to JVY014 in November 2019."*

33. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti ssostni illi meta sar it-trasferimenti tal-vetturi l-intimat in mala fede ġiegħel lir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti John Borg jifhem illi l-pjanċi HMY 258 u JVY 014 kienu tal-istess tip u valur u b'hekk barra t-trasferiment tal-vetturi sar ukoll it-trasferiment tal-pjanċi.

34. Jirriżulta illi a differenza tal-pjanċa HMY 258, il-pjanċa JVY 014 ma kinitx tat-tip *"red plate"* iżda kienet *"white plate"*. Jirriżulta illi s-soċjeta' qiegħda targumenta illi l-valur tal-pjanċa HMY 258 hija ta' madwar ħamsa u tmenin elf Ewro (Ewro 85,000) filwaqt illi l-valur tal-pjanċa JVY 014 hija ferm inqas.

35. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti interpellat lill-intimat sabiex jirritorna l-imsemmija pjanċa HMY 258 u jbiddel ir-reġistrazzjoni tal-istess għall-istatus quo ante iżda l-intimat irrifjuta li jagħmel dan.

36. Jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi qiegħda tilmenta illi dan ikkrejala dannu finanzjarju minħabba telf ta' vettura bi skop ta' transport primarjament f'dak li jikkonċerna l-iskejjel.

**L-ewwel eċċezzjoni tal-intimat David Farrugia**

37. Illi fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-intimat Farrugia jeċċepixxi illi r-rikorrenti għandha permezz ta' dikjarazzjoni appożita tidentifika n-natura tal-azzjoni minnha promossa u/jew l-artikolu rilevanti fil-liġi abbażi ta' liema din l-azzjoni ġiet imressqa.

38. Illi jirriżulta illi huwa minnu illi s-soċjeta' attriċi ma tagħmilx referenza għall-artikolu tal-liġi li fuqha qiegħda tibbaża l-azzjoni tagħha, madanakollu, din il-Qorti tosserva illi fl-ewwel talba tagħha hi titlob hekk:

    > *"Tiddikjara li t-trasferiment u/jew tpartit tal-pjanċa HMY 258 mal-pjanċa JVY 014 huwa null u mingħajr effett għax seħħ bi frodi u/jew żball li tolqot is-sustanza tal-oġġett mertu tal-ftehim".*

39. Illi kif diġa' msemmi aktar 'il fuq, l-attriċi ċediet in parte din l-ewwel talba biss sa fejn għandha x'taqsam mal- "frodi" b'hekk issa qiegħda ssejjes l-azzjoni tagħha fuq li t-trasferiment seħħ bi żball li jolqot is-sustanza tal-oġġett.

40. Illi mill-mod kif inhi fformulata l-ewwel talba, jidher illi l-proċeduri tas-soċjeta' rikorrenti huma bbażati fuq l-Artikolu 976 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi kif ġej:

    > *"(1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim.*
    >
    > *(2) Il-ftehim ma jkunx null jekk l-iżball jaqa' biss fuq il-persuna li magħha jkun sar il-ftehim, ħlief meta l-għażla ta' dik il-persuna tkun il-kawża ewlenija ta' dak il-ftehim".*

41. Għaldaqstant, din il-Qorti tirrileva illi in vista ta' dan kollu hawn fuq delineat, l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat David Farrugia m'għandhiex tkompli tiġi mistħarrġa ulterjorment u għalhekk qiegħda tiġi miċħuda.

## Meritu tal-Każ

### A. In-Natura tal-Pjanċi u t-Trasferiment tagħhom

42. Illi l-pern tal-kawża odjerna hija msejsa fuq it-trasferiment li sar bejn il-partijiet tal-pjanċa HMY 258, li kienet proprjeta' tas-soċjeta' attriċi u l-pjanċa JVY 014, li kienet proprjeta' tal-intimat.

43. Illi kif sostnut mill-istess soċjeta' attriċi, l-pjanċa HMY 258 kienet waħda hekk imsejħa *"red plate*" a differenza tal-pjanċa JVY 014 li hija kkunsidrata bħala *"white plate"* u għaldaqstant għandha valur ferm aktar ogħli mill-pjanċa JVY 014.

44. Illi in oltre, permezz tal-azzjoni odjerna s-soċjeta' rikorrenti tilmenta illi fil-mument meta sar it-trasferiment, David Farrugia ġiegħel lir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi, ossia lil John Borg jaħseb illi ż-żewġ pjanċi huma tal-istess tip u valur u b'hekk seħħ ukoll it-trasferiment tal-pjanċi.

45. Illi fl-ewwel lok, qabel ma' din il-Qorti tibda tistħarreġ il-meritu tal-każ in deżamina, referenza ser issir għan-nota ppreżentata mis-soċjeta' rikorrenti fl-1 ta' April 2025 li permezz tagħha l-attriċi ċediet in parte l-ewwel talba msejsa fuq 'frodi' iżda baqgħet iżżomm ferm l-istess talba bbażata fuq 'żball'. Għaldaqstant, din il-Qorti hija msejħa sabiex tistħarreġ jekk it-trasferiment u t-tpartit tal-pjanċi mertu tal-proċeduri huwiex null u bla effett stante illi seħħ żball li jolqot is-sustanza tal-oġġett mertu tal-ftehim.

46. Illi l-ewwel u qabel kollox, din il-Qorti tqis illi jkun aħjar illi teżamina n-natura u tip ta' dawn iż-żewġ pjanċi in kwistjoni.

47. Referenza ser issir għax-xhieda mogħtija minn Steward Abdilla fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2021, senior manager ta' Coop Services Ltd. Illi huwa jispjega kif ġej:

> *"Il-Qorti:*
> *Iġifieri ħa nifhem ftit. Jiena semmejtlek żewġ pjanċi ... JVY 014 u HMY 258.*
>
> *Ix-Xhud:*
> *HMY 258 David Farrugia daħal membru magħna. Għax aħna l-koperattiva għandna numru ta' vannijiet ta' numri li jistgħu jidħlu membri u l-bniedem jista' jiġi b'dak in-numru u jidħol membru. Iġifieri jiena ...*
>
> *Il-Qorti:*
> *Iġifieri David Farrugia għandu n-numru HMY 258 reġistrat f'ismu.*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Hekk hu.*
>
> *Il-Qorti:*
> *U JVY 014?*

*Ix-Xhud:*
*Ma nafx ...*

*Il-Qorti:*
*Ma tafux biha.*

...

*Dr Kirk Brincau:*
*Issa inti semmejtilna li bħala koperattiva tieħdu ħsieb il-mini buses il-ħomor sewwa. Sabiex ikun jista' jaħdem b'mini buses ħomor, qed nifhem jiena li għandu bżonn red plate?*

*Ix-Xhud:*
*Għandna ... għandna log book insejġulu aġna mill-1 sa 404 li huma l-antiki. Dawk bqajna nżommu dawk in-numri aħna ... emm ... jiena u l-uffiċċju nafu liema huma. Bniedem li jiġi biex jidħol membru magħna jrid iġib log book b'wieħed minn dawk in-numri.*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri hemm erbgħa mija u erbgħa (404) vannijiet ...*

*Ix-Xhud:*
*Ħomor insejġulhom ...*

*Il-Qorti:*
*Irreġistrati magħkom.*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt. Eżatt.*

*Dr Kirk Brincau:*
*U r-reġistrazzjoni tkun fuq il-plate. Intom ir-records tagħkom bħala numru ... semmejtilna erbgħa mija (400) ... il-plate?*

*Ix-Xhud:*
*Fl-antik qabel it-2008 il-plates kienu kollha GMY, HMY u IMY. Allura aħna dawk biss jistgħu jidħlu membru. Iġifieri jiena naqbadha mill-plate. Jekk tiġi HMY 258 dak huwa jista' jkun membru magħna.*

...

*Il-Qorti:*
*Meta tgħidli erbgħa mija u erbgħa (404) ... huma l-erbgħa mija u erbgħa (404) li kienu HMY?*

*Ix-Xhud:*
*GMY, HMY u IMY.*

*Il-Qorti:*

*Kollha flimkien?*

*Ix-Xhud:*
*Yes. Yes. Yes.*

*Il-Qorti:*
*Allura dawka kollha kellhom id-dritt ... għandhom id-dritt isiru membri tagħkom?*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt. Ma nistgħux inżidu.*

*Il-Qorti:*
*Huma membri jew ma humiex membri ... imma għandhom id-dritt biex isir membru ...*

*Ix-Xhud:*
*Ġieli ... ġieli jinbiegħ vann mingħand A għal għand B u l-vann ma jidħolx membru mal-Co Op u jagħmel tlett (3) snin nieqes u mbagħad jixtrieh sid C u jidħol membru. Pero l-B jaf ikollu raġuni għax ma jridx jidħol magħna".*

(fol 34 et seq, fol 35 et seq-36 u fol 38 et seq)

48. Illi r-rappreżentant ta' Transport Malta, Brian Farrugia fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-7 ta' Lulju 2021 jgħid illi:

*"Dr Kirk Brincau:*
*Tista' tispjegalna ftit id-differenza bejn dik li hija indikata bħala red u dik li preżentajt qabel u indikata bħala Y. Hemm xi differenza fl-użu tagħhom dawn fil-ġarr tal-passiġġieri?*

*Ix-Xhud:*
*Illum ma hemmx differenza. Nerġa' ngħid li dan jirrisali qabel ...*

*Il-Qorti:*
*Illum jista' jkun pink.*

*Ix-Xhud:*
*Illum tista' li trid. Għax dina qabel il-Y ... il-Y il-mini buses riedu jkunu bil fors ħomor. Baqgħu japplikaw din il-x'jisimha l-Co Op. Il-Co Op Services hawn ... bħala ... bħala koperattiva baqgħu jagħmlu l-vannijiet tagħhom ...*

*Il-Qorti:*
*Iridu jkunu ħomor.*

*Ix-Xhud:*
*Iridu jkunu ħomor ... imma dik biċċa tagħhom. Għall-awtorita' ġie miftiehem li jista' jkun any colour.*

*Il-Qorti:*

*U dana mit-2009 'il quddiem?*

*Ix-Xhud:*
*Ija.*

*Il-Qorti:*
*All right.*

*Ix-Xhud:*
*Imma l-bojod fejn qabel it-2009 ma kienx jeżisti liċenzja ta' operator kienu taħt public service garage, u jekk tara d-dokument ... tista' tuża dan ... it-tieni page ... it-tielet page tal-ownership fil-fatt jgħidlek ... fejn hemm ownership jekk jogħġbok il-page l-oħra ... jekk taraha tgħid ... of type ... public service garage. Hemm hekk ... hemm hekk hija l-bojod kienu għax pre 2009 u l-bojod kienu joħorġu l-bojod bil-VY kienu taħt public service garage. Illum il-ġurnata joħorġu taħt operator's licence. Għax inti dan biex ikollhom ... biex ikollu ... jista' jużaha bil-Y irid ikollu jew liċenzja ta' operatur u qabel 2009 kienu bil-public service garage.*

*...*

*Il-Qorti:*
*Sa 2009 vannijiet kellhom ikunu ħomor bil fors.*

*Ix-Xhud:*
*Ehe.*

*Il-Qorti:*
*U mbagħad wara infetħet.*

*Ix-Xhud:*
*Għalihom ... kif għidt għal per eżempju għal koperattiva għadhom jaħdmu bin-number plate ... bi tlett numri plus li għandhom ... kif naqbad ngħid ... statut għalihom kif iħaddmu dak. Imma l-awtorita' timxi mal-liġi ...*

*Il-Qorti:*
*Bħala awtorita' illum il-ġurnata ma tagħmilx distinzjoni bejn red, white, green, blue, yellow ...*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt.*

*Il-Qorti:*
*Ikunu li jkunu. Hija l-Co Op se mai li qed tagħmel distinjoni bil-kulur."*

(fol 47 u fol 49)

49. Illi l-istess Brian Farrugia jerġa' jixhed fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2021 fejn huwa jkompli jispjega s-segwenti:

*"Ix-Xhud:*
*Issa dawn kienu wkoll li ġie liberalizzat li mhux bil fors il-mini buses jibqgħu ħomor. Pero kien hawn kumpanija ...*

*Il-Qorti:*
*Ħomor bħala kulur?*

*Ix-Xhud:*
*Bħala kulur. Imbagħad kien hawn il-Co Op ... l-unika kumpanija li baqgħet iżżommhom ħomor u li baqgħet ukoll ... kienet talbet meta kienet se ssir il-bidla li dina kellha four, ow, two (402) members tagħha ... li kellha emm ... in-numri tagħha u din riedet ... kienet talbet dak iż-żmien illi meta qed jinqalbu, għax dawn riedu jinqalbu minn Y għal ... jibqgħu jġorru n-numru tagħha ... dawn in-numri iġifieri meta qed nagħmlu l-qalba minn Y erbgħa (4) numri bi plate ħamra għal pjanċi li nafuhom illum ...*

*Il-Qorti:*
*Bil-PY fl-aħħar ...*

*Ix-Xhud:*
*PY fl-aħħar riedet tiġi u jżommu n-numru li kellhom l-antik.*

*Il-Qorti:*
*Li kellhom qabel. Ok.*

*Ix-Xhud:*
*U dan kienet l-Awtorita' ... konna għidna li ma ssib ebda oġġezzjoni imma bħala prinċipju ... bħala ġarr ta' passiġġieri etc ... bħala liġi baqa' kollox l-istess. Pero għal ... għas-suq hemm barra ... għas-settur dana jfisser ħafna. Daka li ... li wieħed irid jara. Fejn għall-Awtorita' dana huwa ... huwa bdil amministrattivament u legali, għas-settur hemm barra ...*

*...*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt. Ċikku l-poplu hemm barra ... jew Brian jista' jkollu PY imma mhux se jkollu YPY għax dawk li għandhom YPY huwa membru tal-Co Op u Brian Farrugia qed jagħmel l-istess xogħol iġorr il-passiġġieri pero mhux membru tal-Co Op. Issa meta inti ... meta inti f'das-settur qiegħed membru tal-Co Op ... għandek ċertu privileġġi. Dak imma fis-settur ... ma tidħolx l-Awtorita' jew ... jew xi ħaġa legali fiha. Issa fuq dan li qed nitkellmu kien wieħed minn dawk li kien ... ma nafx għadux li huwa kien tal ... tal-Co Op.*

*...*

*Ix-Xhud:*
*Issa biex minn MY jinqalbu PY ... mela inti għandek HMY per eżempju ... HMY 258 f'dan il-każ. Mela l-ftehim mal-Co Op kien illi dana meta se jieħu l-PY irid jieħu PY 258.*

*Il-Qorti:*
*Ok … għax ir-registration number tiegħu kien 258.*

*Ix-Xhud:*
*Issa … eżatti … eżatt … issa dan huwa … l-Awtorita' hija … kull ma għandha ftehim huwa li ttih l-istess number plate. Issa dan il-ftehim mal … mal Co Op kien limitatament fuq number plate. Ma tidħolx f'affarijiet oħra. Pero bħala … kif … kif ġia għidt, bħala koperattiva ġġorr … u għandha ċertu benefiċċji. Tagħti x-xogħol lil ħaddiema tagħha … hawn … lill-Operaturi u benefiċċji oħrajn.*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri HMY huwa number plate li kien mogħti lil koperattiva …*

*Ix-Xhud:*
*U kien … YPY illum …*

*Il-Qorti:*
*Illum*

*…*

*Dr Kirk Brincau:*
*Mela ħa nkunu naqra iktar speċifiċi biex nevitaw konfużjoni, hemm żewġ plates hemm HMY258 u hemm JVY 014. Dawn huma l-plates mertu tal-kawża odjerna. Pero bejn dawn il-plates x'inhi d-differenza fil-valur fis-suq … issa milli taf inti.*

*Ix-Xhud:*
*Ehe … imma dan bħal ma għidt … bħala Awtorita' ma tidħolx eżattament bħala valur. Jiena li wieħed nista' … li nista' nagħti dan huwa n-nies li jiġu għandna … l-operaturi iġifieri li jgħidu lilna … il-valur huwa għax dana magħhom iġorru l-entry fee li toħroġ ukoll mill-iskeda tal- 499 / 56. Biex inti tixtri vann tal-eleven (11) seater, għandek ħdax il-elf (11,000) euro biss biss biex tibda u xi ħaġa seats … issa jekk tixtri vann ta' twenty one (21) seater għandek kważi sbatax il-elf (17,000) euro bħala seats. Miegħu … miegħu jekk inti qed tixtri … qed tixtri … mela l-vann għandek il-prezz biex tixtrih … per eżempju miegħu … miegħu jekk inti qed tixtri … qed tixtri … mela l-vann għandek il-prezz biex tixtrih per eżempju erbgħin elf (40,000), plus is-seats … sittax il-elf (16,000) oħra, plus illi jekk huwa … hawn hekk minn hawn 'l hawn ma tidħolx l-awtorita'. L-awtorita' tidħol fis-seats biss. Plus jekk inti qed tixtrih mingħand Brian Farrugia ha nġib eżempju … mingħand Brian Farrugia għandu prezz … għax għandu ċertu xogħol abbinat miegħu … imma jekk inti qed tixtrih mingħand il-koperattiva għax għandha ħafna xogħol abbinat magħha qed tixtrih bi prezz ferm iktar ogħla milli qed tixtrih … il-permess … imma l-awtorita' hija estranja għaliha.*

*Il-Qorti:*
*Ara hux qed nifhmek sew … id-differenza bejn HMY u JVY hija … l-HMY hija abbinata mal-koperattiva …*

*Ix-Xhud:*
*Eżatti.*

*Il-Qorti:*
*U l-JVY mhix abbinata …*

*Ix-Xhud:*
*Eżatti. Eżatti.*

*Il-Qorti:*
*Dik hija d-differenza.*

*…*

*Il-Qorti:*
*Għad domanda li qed jgħid Dr Brincau … mela … kieku wieħed jixtri pjanċa JVY jew inkella jixtri pjanċa HMY ...*

*Ix-Xhud:*
*Hemm qabża kbira.*

*Il-Qorti:*
*Hemm qabża fil-valur.*

*Ix-Xhud:*
*Ovvjament.*

*Il-Qorti:*
*Għax naturalment l-HMY iġġib magħha l-abbinament mal-koperattiva …*

*Ix-Xhud:*
*Aħna ... aħna bħala li nisimgħu mill-operaturi li ġol-awtorita' ...*

*Il-Qorti:*
*Intom bħala awtorita' ...*

*Ix-Xhud:*
*Ma nagħmlux … ma tagħmlilniex differenza. U dan …*

*Il-Qorti:*
*Għalikom kollha l-istess.*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt. Kollha huma …*

*Il-Qorti:*
*Imma l-HMY għandha abbinazzjoni mal-koperattiva u allura jidher li għandha valur differenti."*

(fol 75, 76 u 76 et seq u 77-78 et seq)

50. Illi fix-xhieda ta' Jeremy Attard, skrivan tal-Coop Services huwa jikkonferma illi s-sinifikat tar-'red plate' huwa li jista' jidħol membru mal-koperattiva u jispjega:

*"Il-Qorti:*
*Il-logo tal-CoOp. All right. Iġifieri min għandu dak li ngħidulu aħna red plate huwa membru magħkom?*

*Ix-Xhud:*
*Iva.*

*Dr Kirk Brincau:*
*Mela l-ewwel ħaġa, tgħidilna ftit x'benefiċċji hemm li tkun membru magħkom, jekk tista'?*

*Ix-Xhud:*
*Ikun hemm benefiċċji fix-xogħol ... dik ... xogħol, outings ...*

*Dr Kirk Brincau:*
*Ma tistax forsi tidħol aktar fid-dettall?*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri biex nifhem jien ... jista' xi ħadd b'number plate m'huwiex minn dawn jiġi jsir membru magħkom?*

*Ix-Xhud:*
*Le.*

*Il-Qorti:*
*Ma jistax. Dan huwa membership card tagħkom.*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt.*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri jkollok dan in-*number plate *u b'dan in-*number plate *issir membru mal-Co Op.*

*Ix-Xhud:*
*Hekk hu.*

*Il-Qorti:*
*U b'dan in-*number *isir membru tax-xogħol kollu tal-Co Op qed nifhem jien?*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt."*

(fol 97)

51. Illi in oltre fix-xhieda ta' Andrea Arrigo Azzopardi ġie kkonfermat illi:

> *"Dr Kirk Brincau:*
> *Issa tispjegalna brevement id-differenza bejn red plate u white plate u x'kien l-HMY 258 hekk tista'?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Ok ... mela hija xi ħaġa colloquial term li tgħid red plate u white plate ... imma il ... biex niftehmu tintuża ħafna fid-diskors bejn ix-xufiera tal-mini buses. Meta ngħidu pjanċa bajda jiġifieri emm ... pjanċa li mhijiex membru mal-koperattiva tal-mini buses.*
>
> *Il-Qorti:*
> *L-HMY 258 kienet pjanċa ħamra jew pjanċa bajda?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Mela to my knowledge ħamra ...*
>
> ...
>
> *"Dr Kirk Brincau:*
> *Bajda. Issa tispjegalna ftit x' inhi d-differenza forsi fix-xogħol u anke bħala membru tal-koperattiva bejn ħamra u bajda?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Ok. Mela meta jkollok vann li huwa membru fil-koperattiva inti tkun tista' emm ... tieħu x-xogħol mingħand il-ko-op stess. Emm ... jiġifieri jekk inti ma jkollokx membership speċjalment iktar f'dawn is-snin riċenti ma tistax tieħu x-xogħol mingħand il-koperattiva mingħajr membership.*
>
> *Il-Qorti:*
> *Iġifieri qed nifhem sew illi bil-vann HMY 258 dik kienet ħamra ... jiġifieri intom kontu tieħdu xogħol biha?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Iva ...*
>
> *Il-Qorti:*
> *Fis-sens mingħand il-koperattiva. Issa meta mbagħad kellkom il-JVY 014 intom stajtu tieħdu xogħol mill-koperattiva?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Dak il-vann ... dak il-plate JVY 014 ma jistax isir membru għax m'huwiex pjanċa ħamra biex niftiehmu."*
>
> (fol 119-119 et seq)

52. Illi għaldaqstant, kif jidher ukoll mill-provi u mix-xhieda hawn fuq riprodotta, jidher ċar u manifest illi d-differenza bejn iż-żewġ pjanċi in kwistjoni hija li, l-pjanċa HMY

258[1] hija kkonsidrata bħala *"red plate"* fis-sens illi hija pjanċa li permezz tagħha wieħed jista' jissieħeb membru mal-kooperativa, filwaqt illi bil-pjanċa JVY 014 dan ma jistax isir. Tant huwa hekk illi kif jidher a fol 24 tal-proċess, fid-dokument immarkat bħala DF1, l-intimat applika mal-kooperativa u rreġistra l-vann bil-pjanċa HMY 258 u li b'hekk sar member tal-kooperativa.

**Ikkunsidrat**

53. Illi stabbilita x'inhi d-differenza bejn iż-żewġ pjanċi u d-distinzjoni bejn *"red u white plate",* din il-Qorti sejra teżamina jekk it-trasferiment ta' dawn iż-żewġ pjanċi sarx bi żball li jolqot is-sustanza tal-oġġett mertu tal-ftehim.

54. Qabel xejn, referenza ser issir għall-ġurisprudenza nostrana fuq din il-materja. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Olanda Theuma Whitelaw vs Maria Pace***[2] ġie stabbilit illi:

*"In-normattiva dwar żball ta' fatt hija stabbilita minn żewġ artikli tal-Kodiċi Ċivili li jaqraw hekk:*

*"974. Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball… ma jkunx jiswa. »*

*"976. (1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullita` tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim."*

*»L-oriġini tal-artiklu 976 mhix imsemmija mill-conditor tal-Kodiċi Ċivili . Hu identiku għall-art. 1110 tal-Kodiċi ta' Napuljun, u għall-art. 1110 tal-ewwel Kodiċi Ċivili Taljan.*

*»L-iżball ġie definit bħala "una difformità fra le idee della nostra mente e l'ordine delle cose".*

*»Kien hemm kontroversji filoloġiċi dwar il-kelma sustanza. Giorgi jgħid li daħlet fil-kodiċijiet moderni bil-passaporti awtorevoli tad-dritt Ruman iżda l-ġuristi Rumani qatt m'użawha bl-istess tifsira tal-kodiċijiet moderni. B'error in substantia kienu jifhmu żball dwar in-natura fiżika tal-ħaġa. Il-kittieba moderni kellhom diversi opinjonijiet dwar it-tifsira ta' din il-kelma. (i) L-iktar rigorużi rrestrinġewha għall-kwalitajiet essenzjali ex natura rei: per eżempju ramm maħsul bid-deheb minflok deheb; kristall minflok djamant. (ii) Oħrajn inqas ibsin wessgħuha għall-kwalitajiet li jkunu ħajru lill-partijiet biex jaslu għall-ftehim: ex pacto: żiemel tal-ġiri; żiemel tat-tagħbija. (iii) Fl-aħħarnett hemm dawk li jaħsbu li m'hemm l-ebda kriterju fiss u assolut; imma kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi tal-fatt li l-valutazzjoni tiegħu hija mħollija fid-diskrezzjoni prudenti tal-Imħallef. Din hija l-opinjoni prevalenti fid-dottrina Taljana .*

*»Il-Giorgi jaqbel mat-tielet (iii) skola ta' ħsieb u jikkonkludi li:*
*»"… essere interamente subiettivo il criterio sottinteso dal legislatore nel significato della parola sostanza; vale a dire un criterio tutto relativo al*

[1] Issa saret YPY 258
[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru 2022- Kawża numru: 183/2019/1

*modo, in cui veniva considerato l'oggetto della convenzione dal contraente, che si è ingannato."*

*»Biex isaħħaħ il-fehma tiegħu, l-istess trattista jiċċita t-travaux préparatoires tal-kodiċi ta' Napuljun, fejn jingħad li "in una parola, il giudice deve restar convinto, che la parte, non si sarebbe obbligata, se non fosse stata in errore". Għalkemm il-Giorgi ma jaqbilx mal-użu tal-kelma sostanza, li jilmenta li l-kumpilaturi tal-kodiċi ta' Napuljun ikkupjaw servilment mingħand il-Pothier, jgħid li, għall-Pothier, il-kriterju karatteristiku tas-sustanza huwa soġġettiv. Fi kliem il-Pothier:*

*»"L'errore rende nulla la convenzione, non solo quando cade sulla cosa stessa, ma altresì sulla qualità della cosa, che i contraenti hanno avuta principalmente in mira e che ne forma la sostanza."*

*»Il-Giorgi jammetti li t-tifsira tal-kelma sustanza ġiet imġebbda wisq minn din l-interpretazzjoni, iżda hekk kien hemm bżonn sabiex tiġi evitata l-materjalità tat-tifsira iktar letterali tagħha u tiġi addattata għall-ħtiġijiet tal-prattika forensi. Għalhekk sustanza tista' tfisser, skont iċ-ċirkostanzi:*

*"... la natura fisica della cosa contrattata; la sua forma d'origine o la derivazione sua; anche taluna di quelle qualità ordinariamente secondari, ma eccezionalmente decisive secondo l'intenzione dei contraenti, possono acquistare il carattere giuridico di sostanza della cosa all'effetto di aprir l'adito alla nullità per vizio di consenso."*

*»Similment, il-Qorti tal-Kassazzjoni Ċivili Franċiża ddefiniet żball fuq is-sustanza kif ġej:*

*»"L'erreur doit être considérée comme portant sur la substance de la chose lorsqu'elle est de telle nature que, sans elle, l'une des parties n'aurait contracté."*

*»F'Malta, il-Qorti tal-Appell, f'għadd ta' sentenzi, aċċettat id-dottrina soġġettiva, u ċċitat lill-Laurent, lil Pothier u lil Domat. Biex jiġi identifikat jekk kwalità hix sostanzjali jew aċċidentali, wieħed irid għal darb'oħra jħares lejn il-volontà tal-partijiet."*

55. Illi f'sentenza oħra mogħtija fl-ismijiet ***BCL Gaming Limited vs Sparkasse Bank Malta Public Limited Company***[3] ġie ritenut illi:

*"Illi tenut kont tal-artikli fuq riprodotti jirriżulta paċifiku li hu neċessarju li l-iżball irid ikun wieħed sostanzjali – senjatament, wieħed li jolqot is-sustanza tal-ħaġa nnifisha;*

*Illi kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet Ludvic Catania vs. Carmel sive Charles Bianco nomine, datata s-16 ta' Settembru, 2011, fejn fir-rigward irriteniet is-segwenti:*

[3] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' April 2018- Kawża numru 101/2014

> *"Hu neċessarju illi l-iżball ikun sostanzjali. Il-liġi tagħna tgħid illi l-iżball ta' fatt ma jġibx in-nullita` tal-konvenzjoni jekk mhux meta jaqa' fis-sostanza tal-ħaġa li tkun oġġett. Mela f'dan il-każ hemm bżonn illi kien hemm żball fis-sustanza, jew, kif tgħid id-dottrina u l-ġurisprudenza, anki fil-"kwalita` sostanzjali" ta' dik il-ħaġa. Il-Laurent, li jikkommenta disposizzjoni simili għal tagħna (art. 1110 tal-Kodiċi Franċiż) jiċċita fuq din il-materja lil Pothier li jgħid x'għandna nifhmu bi żball fis-sustanza. "L'errore annulla la convenzione, eghli dice, quando cade sulla qualita` della cosa che le parti hanno avuto principalmente di mira e che forma la sostanza di questa cosa (ara Pothier. Des Obligations, n.18).*
>
> *L'errore sulla sostanza e` dunque un errore sulla qualita`; ma non ogni errore sulla qualita` e` sostanziale; il bisogna che esso cada su di una qualita` principale, ed e` l'intenzione delle parti quella che decidera` se una qualita` e` o no principale; bisogno vedere cio` che hanno avuto di mira le parti contrattando. E` il caso di applicare il principio di Domat – 'Se le parti non avrebbero contrattato se avessero saputa che la cosa non aveva quella qualita` che esse le supponevano, l'errore sara` sostanziale e viziera` il consenso. Se per contrario, le parti avessero contrattato pur sapendo che la cosa non aveva quella tale qualita`, l'errore non viziera` il consenso e non annullera` il contratto ... La questione e` dunque in sostanza una questione d'intenzione, vale a dire, che il Magistrato deve deciderela secondo le circostanze della causa' (Laurent, Diritto Civile, Vol. 15, no. 488)"*

56. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel referenza għad-dokument a fol 7[4] tal-proċess fejn permezz tiegħu l-partijiet kif rappreżentati ftehmu s-segwenti:

> "*"This is to confirm that Alan Lucchese of ID card number 299874M* ***is purchasing the body only of the HMY 258*** *which will be available in November 2019.*
>
> *The agreed price for the van is € 6000. A deposit of € 500 has been left today. A balance of €5,500 will be due when the vehicle is ready to be picked up in November.*
>
> ***The number plates will not be sold as part of the sale and Alan will change the plates to JVY014 in November 2019***[5]*."*

57. Illi mill-qari ta' din l-iskrittura joħroġ biċ-ċar illi l-partijiet kienu ftehmu illi kien qed jinxtara biss il-*body* tal-vettura bil-pjanċa HMY 258 u li in oltre, l-pjanċi ma kinux parti mill-bejgħ.

58. Fix-xhieda tal-intimat mogħtija fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2022 huwa jtenni s-segwenti:

> *"Dr Kirk Brincau:*
> *Meta aħna qed ngħidu li inti kont qed tipprova tixtri xi ħaġa, x'kont qed tipprova tixtri? Body?*

[4] Datat 16 ta' Settembru 2019
[5] Enfażi ta' din il-Qorti

*Ix-Xhud:*
*Jiena ridt body għall-air condition l-aktar. Għax tiegħi kien antik bħala body u xtaqt xi ħaġa aħjar għax l-education bdew jissikkawna biex niktbu l-EURO 4 jew EURO 3 u tiegħi kien antik. U ridt xi ħaġa biex tkun naqra aħjar milli għandi jiena.*

*Il-Qorti:*
*U meta qed ngħidu body ovvjament qed ngħidu body ta' vettura.*

*Ix-Xhud:*
*Il-body biss ... il-body biss tal-vettura.*

*Dr Kirk Brincau:*
*Inti l-ħlas ta' sitt elef (6,000) euro li kien sar lil Drifter naqblu li dan għal body biss kien sar il-ħlas? Il-ħlas għal xiex kien sar?*

*Ix-Xhud:*
*Jiena tajtu l-pjanċa tieghi u hu tagħni l-pjanċa tiegħu ..."*

(fol 84 et seq)

59. Referenza ser issir ukoll għax-xhieda mogħtija minn Alan Lucchese, li kienet il-persuni li nnegozjat għan-nom tal-konvenut u li hija wkoll firmatarja tad-dokument a fol 7. Illi fix-xhieda tiegħu huwa jispjega:

*"Dr Kirk Brincau:*
*Lil John. U dawn in-negozjati x'kienu jikkonsistu ... jekk tista' tgħidilna ftit.*

*Ix-Xhud:*
*Li kellu xi vannijiet irid ibiegħhom John għax ibiddel l-antiki mal-moderni u kien qalli ... għax rani b'mini bus lili u kien qalli jien ikolli xi vannijiet għal bejgħ. Qalli tkun taf lil xi ħadd ... qalli kellimni. Kont naf li David ried jibdel il-vann u kont ċempilt lil John. John dak iż-żmien kien laħaq biegħ vannijiet li kellu ... qalli tini naqra ċans oħra ... bejn xahrejn ... tlett xhur oħra ... għidtlu jekk jibqa' mħajjar nerġa' nċempillek. Kien baqa' mħajjar li jintriga b'vann u ċempilt lil John. Għidtlu int għandek xi ħaġa. Qalli għandi tnejn (2) vannijiet.*

*Dr Kirk Brincau:*
*Iġifieri kien baqa' mħajjar li jintriga qed ngħidu għal David Farrugia.*

*...*

*Ix-Xhud:*
*Imbagħad kellimt lil John ... għidtlu int għandek xi ħaġa ... qalli iva ... qalli għandi tnejn (2) vannijiet. Għidtlu nista' narahom ... qalli mur il-garage. Għax jien kont naħdem l-Għadira bil-minibus. Tlajt il-Mellieħa u ħareġ il-mechanic u għidtlu liema huma l-vannijiet li għandu John għal bejgħ. U l-mechanic ċempel lil John biex jistaqsieh liema kienu l-vannijiet. U qalli ...*

*qalli ismagħni ... qalli l-abjad mhux qiegħed hawn ... qalli u hemm dak l-aħmar li hemm hemm barra. Qalli issa ara liema trid. Qalli jew inkella ejja darb' oħra ... għidtlu issa la qiegħed hawn mhux se ninżel u nerġa' nitla'. U għidtlu nista' nara dak ...*

*Il-Qorti:*
*L-aħmar?*

*Ix-Xhud:*
*L-aħmar. Mort nara l-aħmar, dort dawra mal-body hekk biex nara kif inhu ... u għidtlu jimporta ttini ċ-ċavetta biex nistartjah, għidtlu biex nipprova l-air condition ... lanqas soqtu ... startjajtu biex xgħelt l-air condition biss. U sibtu li qed jaħdem l-air condition. U għidtlu ha nċempel lil John. Erġajt ċempilt lil John u għidtlu dak kemm trid tiegħu u qalli sitt elef (6,000). Għidtlu ha navża lil David ħa nara ... u ċempilt lil David u għidtlu dak sitt elef (6,000) irid. Qalli kif inhu bħala body? Għidtlu bħala body jidher mhux ħażin u għidtlu jiena ħaddimtlu l-air condition. Għidtlu l-air condition jaħdem. Qalli jekk tajjeb għalik, tajjeb għalija għax David kien jafdani meta mmur nara vann. Anke qabel meta kien jixtri hu, kont nittawwallu jiena l-vann. U ċempilt lil John u għidtlu isma' dak sitt elef (6,000) jieħdu. Qalli pero dak qabel Novembru ma nistax intihulu l-vann. Għidtlu navża lil David u jekk jaċċetta David ... u David aċċetta li dan il-vann jieħdu f'Novembru. U sa dan it-tant John żamm il-vann u għidtlu bil-patt li l-vann jibqa' fil-kundizzjoni li qiegħed. Qalli iva John. Qalli kif inhu terġgħu tieħduh. U ftehmna fuq sitt elef (6,000) dan il-body, bil patt li ntuh ... li David itih pjanċa ta' vann ieħor. Biex John li jġib minn barra iwaħħalha fuq dak il-vann. Talabni biex intih xi ħaġa deposit John, ċempilt lil David u għidtlu dak irid ħames mija (500) deposit, għidtlu u ħamest elef u ħames mija (5,500) kif tagħmlu t-transfer. Qalli għandek flus? Għidtlu hemm il-bank faċċata ta' John, għidtlu niġbed u mmur intihomlu, għidtlu mbagħad niġi u ttihomli inti. U sa hemm hekk ftehmna. Inżilt l-uffiċċju ta' John ... jien nimmaġina kienet it-tifla tiegħu ... u ċemplitlu ... ftehmna ... ċempilt lil David biex ngħidlu x'numru ħa jagħti lil John u l-vann li ħa jagħtihulu bin-numru 258 li kien fih. U għamilna l-karta miktuba u ffirmajt flok David jien, peress li kien hemm jien.*

*Il-Qorti:*
*Mela qed nurik karta sinjur ... li tidher a fol 7 tal-proċess. Naqblu li din hija l-firma tiegħek?*

*Ix-Xhud:*
*Ija mela.*

*...*

*Il-Qorti:*
*Mela jiena hawn hekk għandi li Alan Lucchese qed jixtri l-body tal-vettura HMY 258 u mbagħad hemm il-prezz u kollox u mbagħad number plates will not be sold as part of the sale ... iġifieri mhux se jinbiegħu n-number plates u Alan will change the plates ...*

*Ix-Xhud:*
*Għax ipartu n-numri mhux inbiegħu ... inpartu n-numri mhux inbiegħu. Għax inti li se tieħu, il-body b'kollox ... biex taħdem bih jibqa' b'dak in-numru. Li jġib John minn barra trid twaħħallu n-numru li nkunu ha nneħħu. Mela dak li ha nneħħu jieħdu John."*

(fol 92 et seq-93 et seq)

60. Illi allavolja fix-xhieda tagħhom kemm tal-intimat kif ukoll ta' Alan Lucchese jsostnu illi bejn il-partijiet kien ġie negozjat illi kienu ser jingħaddew anke l-pjanċi madanakollu, dan kollu jikkontrasta bi kbir ma' dak provdut u miktub fl-iskrittura, liema skrittura kienet ukoll iffirmata mill-istess Alan Lucchese.

61. Fil-proċeduri odjerni xehdet ukoll Kelly White, l-persuna li ttajpjat id-dokument a fol 7 u li ġie ffirmat quddiemha. Ix-xhud issostni illi:

*"The Court:*
*So he purchased the body of the vehicle?*

*The Witness:*
*The outside of the body of the vehicle. Exactly. And so I did a receipt and what I did was ... I didn't know what to write on the receipt cause it's not something I've done before. So I went to Andrea, who's the Manager and I said, what should I write exactly? And so on the receipt, if I'm not mistaken, we wrote that it was the body only. And in fact, the guy Alan who came with the deposit gave us another number plate that he was changing the number plate too of this body of this vehicle. So I wrote it on the receipt as well".*

(fol 115 et seq)

62. Madanakollu, jidher illi fil-mument li sar it-trasferiment u l-intimat flimkien ma' John Borg, ir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, marru ġewwa l-uffiċini ta' Transport Malta, hemmhekk sar ukoll it-trasferiment u/jew it-tpartit bejn iż-żewġ pjanċi. Illi jirriżulta illi din kienet l-ewwel darba li l-partijiet iltaqgħu ma' xulxin.

63. Illi kif jispjega John Borg fix-xhieda tiegħu, dak il-ħin li sar it-trasferiment tal-pjanċi bejn il-partijiet huwa kellu impressjoni li ser jieħu pjanċa ekwivalenti:

*"Ix-Xhud:*
*Għalhekk qegħdin nirreferu għax il-pjanċa ma nistax intiha mal-van ... I mean ma jistax joħodha. Ħsibtu li l-vann li ħa jtini hu, il-plate kien ta' l-istess valur u fil fatt ma kienx.*

*...*

*Il-Qorti:*
*Intom kontu taħt l-impressjoni li JVY 014 kellha l-istess ...*

*Ix-Xhud:*
*Value ...*

*Il-Qorti:*
*Valur tal-HMY 258.*

*Ix-Xhud:*
*Ehe. Imbagħad x'ħin morna xi xahar wara ... jew xahrejn wara emm nagħmlu ma' Transport Malta biex nagħmlu mal-Co Op qalli din ma tistax għax din il-pjanċa m'hijiex ... ma tistax tagħmilha m'hemm fil-Co Op. U jiena minn dakinhar 'l hawn inkwetajt.*

…

*Dr Kirk Brincau:*
*All right mela tispjegalna ftit x'ġara meta intom actually mortu biex tagħmlu transfer sewwa ... mortu licencing unit biex tagħmlu transfer tal-affarijiet.*

*Ix-Xhud:*
*It-transfer ħa nkun onest magħkom emm ... jiena daka s-Sur Farrugia qisu kien hemm naqra ġenn fil ... bħas-soltu fil-licencing office u jiena just ħadtha for granted għidt hekk ... normali hux voldieri ... kont onestament ħsibt li ħa jtini l-istess pjanċi ta' valur u ma kienx.*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri intom dakinhar li għamiltu t-transfer ara qed nifhmekx ... inti ukoll għamilt it-transfer tal-HMY 258 lilu u hu għamillek transfer tal-JVY 014 lilek?*

*Ix-Xhud:*
*Ehe.*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri dakinhar stess sar ukoll it-transfer tan-number plate.*

*Ix-Xhud:*
*Iva. Ehe.*

*Dr Kirk Brincau:*
*Sewwa. Emm ... inti tispjegalna ftit meta rrealizzajt li dawn il-plates kienu differenti u kif irrealizzajt?*

*Ix-Xhud:*
*Għax x'ħin staqsejt lil Co Op qaluli dak in-number ma jistax isir membru għax mhux qiegħed parti minn dawn l-erbgħa mija permessi li hawn iġifieri. Kien iġifieri ... tista' ġġorr nies bih imma ma jkunx jista' jkun membru tal-Co Op dik il-pjanċa.*

…

*Ix-Xhud:*

*Hekk suppost ... imma aħna peress li ma sarx hekk ... peress li konna bl-idea li dan l-istess valur jiena ma sibtx oġġezzjoni li hu jżomm tiegħi u ...*

*Il-Qorti:*
*Voldieri li qed tgħid inti iġifieri ... lilek qallek li jrid juża n-number plate tiegħu biex jitfgħu fuq vann aktar modern, li kellek int li ridt tbiegħu ...*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt ...*

*Il-Qorti:*
*U minflok imbagħad transferjajtu n-number plates inti tajtu tiegħek bin-number plate tiegħu u hu tak in-number plate tiegħu.*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt ... hekk kienet eżatt Sur Imħallef.*

*...*

*Ix-Xhud:*
*Sur Imħallef aħna għalhekk għamilna body only ... qed tifhimni ... għax il-pjanċa biex inżommha jiena fil-fatt imma mingħalija li se tkun bl-istess valur tal-Co Op u ridt nagħmilha membru u ma kenitx, u ma stajtx."*

(fol 183-183 et seq,184, 186 et seq u fol 187 et seq)

64. Għaldaqstant, mix-xhieda mogħtija minn John Borg jidher biċ-ċar illi dan it-trasferiment tal-pjanċi kien sar għaliex huwa kien taħt l-impressjoni li ż-żewġ pjanċi huma tal-istess valur iżda meta imbagħad mar jiċċekkja jistax jissieħeb membru tal-kooperativa bil-pjanċa JVY 014, huwa skopra li ma setgħax għaliex ma kinitx dik imsejħa *"red plate".* Illi minn hawnhekk, joħroġ eżattament l-element u l-fattur tal-iżball.

65. Din il-Qorti tqis illi hija interessanti x-xhieda mogħtija mill-intimat fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2024 fejn huwa jtenni s-segwenti:

*"Il-Qorti:*
*Il-pjanċa l-ħamra tintuża mal-Coop allura għandek dritt li taħdem mal-Coop ... il-pjanca bajda le naqblu ?*

*Ix-Xhud:*
*Le taħdem mal-Coop.*

*Il-Qorti:*
*Anki bil-bajda taħdem ?*

*Ix-Xhud:*
*Mhux hekk ... jiena li kelli fuq il-bajda kont naħdem ix-xogħol ...*

*Il-Qorti:*

*Iġifieri ma tagħmilx differenza jekk hix ħamra jew bajda ?*

*Ix-Xhud:*
*Le taħdem ... hemm ħafna xogħol u jaħdmu ... m' hemmx differenza. Jiena x-xogħol li kelli li qlibt fuq it-258 ... HMY 258 kien kollu fuq il-pjanċa l-*bajda.

*Il-Qorti:*
*Jiġifieri dak li kellek irreġistrat prinċipalment ... preċedentement fuq il-JVY 014 ?*

*Ix-Xhud:*
*Iva ... dak inqaleb kollox fuq it-258. Jiġifieri jiena qabel ma xtrajt it-258, jien kont naħdem kollox mal-koperattiva u jħallasni normali ...*

*...*

*Ix-Xhud:*
*Jiena b' dik il-karta u daqshekk. Mort hemm iġifieri ... għadda ż-żmien jiġifieri ma qgħadtx niffittah ejja nagħmlu transfer jew xi ħaġa biex mhux bħal ma qal hu biex infittieh jew xi ħaġa ... jien l-ikbar każ ... jiena kull ma ridt nibdel il-vann għar-raġuni li l-ADT ... hawn sorry l-*Education *bdew jitolbuna jekk ma jkunx Euro4 u bl-aircondition ma jistax ikompli jopera. U għal dik ir-raġuni ...*

*Il-Qorti:*
*U allura dan il-vann li kellu John Borg ...*

*Ix-Xhud:*
*L-ewwel li ma tlabt lil John Borg jiena aircondition ridt ... issa sadid u mhux* aircondition ridt jiena f' dan il-vann. *Aħmar, abjad, iswed ... imma jien ma jimpurtanix ... aircondition u Euro4 jew Euro ma nafx x'kien dak iż-żmien ...*

*Il-Qorti:*
*Jiġifieri inti ma xtrajtux biex tixtri l- H ... in-* number plate *HMY 258 ?*

*Ix-Xhud:*
*Mhux ovvja.*

*Il-Qorti:*
*Ma kontx interessat fin-number plate ?*

*Ix-Xhud:*
*Aircondition.*

*Il-Qorti:*
*Inti li kont interessat huwa mill-body tal-karozza ...*

*Ix-Xhud:*
*Aircondition l-iktar. Dik importanti ...*

*...*

*Dr Kirk Brincau:*
*Mela jekk ngħidlek dak li qallek John Borg kien li ejja nerġgħu npartu l-pjanċi biex kulħadd jieħu l-pjanċa li kellu qabel għax hekk kien il-ftehim u l-vannijiet m'humiex parti minn ... nerġgħu nittrasferixxu lura ... qed tifhimni jew mhux qed tifhimni ?*

*Ix-Xhud:*
*As such mhux nifhmek għax kif qed tgħidha ... imma jiena ... jiena ... jiena li qalli jew li qed niftakar jien ta' erba' (4) snin ilu ... qalli ejja nerġgħu nagħmlu kollox bir-reverse u jien mela fhimtu li nagħmlu din il-biċċa xogħol. Jien intih tiegħi u hu jtini tiegħi ... li jiena ħa nispiċċa bla vann. Hekk ħsibtha jien. Ma fehmilhix kif qed tfehemhieli inti. Biex fhimt ... biex fhimtha mingħandek staqsejtek tliet darbiet ... għax aħseb u ara kieku qalhieli hu ...*

*...*

*Il-Qorti:*
*Ġiet YPY 258 ... issa li qed jipprova jgħidlek hu ... inti qed ... inkun korrett ngħid għax inti hekk qed tgħid anke ... illi inti kien jinteressak mill-body tal-vann, l-air conditioner, magni u Euro4 u dawk il-ħafna affarijiet. X'kellu u ma kellux number plate ma kellekx interess ?*

*Ix-Xhud:*
*Ma kellix interess.*

*Il-Qorti:*
*Zero.*

*Ix-Xhud:*
*U fil-fatt lanqas kien imdaħħal mal-koperattiva ... mal-korporattiva u lanqas kien qed jinteressani jkunx jew le mal-koperattiva.*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri l-HMY 258 dak iż-żmien ma kienx imdaħħal ?*

*Ix-Xhud:*
*Ma kienx imdaħħal xejn u jien ħadtu bla xogħol ukoll mingħandu. Jiġifieri x-xogħol ... jiena veru għall-body biss ridtu u għall-aircondition."*

(fol 215 et seq, fol 218-218 et seq u fol 219)

66. Illi fix-xhieda hawn fuq riprodotta, l-intimat David Farrugia jispjega li huwa ma kellu ebda interess fil-pjanċa tas-soċjeta' rikorrenti stante li għalih l-aktar affarijiet importanti kienu li jkollu vann aktar modern u li jkollu l-*aircondition.* Dan għaliex huwa kien jaħdem fit-trasport tat-tfal tal-iskola u kienu qed jiġu rikjesti mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, allura għall-istess konvenut dawn kienu essenzjali.

67. Din il-Qorti tqis illi mill-provi kollha prodotti, jidher ċar u manifest illi l-ftehim a fol 7 tal-proċess jistipula illi l-pjanċi ma kinux parti mill-bejgħ u li l-intimat kellu jwaħħal il-pjanċa JVY 014 fuq il-vann li kien qed jakkwista mis-soċjeta' attriċi u li kien ser ikun fil-pussess tiegħu f'Novembru tas-sena 2019. Madanakollu, meta John Borg u l-konvenut Farrugia ltaqgħu ġewwa l-uffiċini ta' Transport Malta, hemmhekk sar ukoll it-trasferiment tal-pjanċi u kif jispjega l-istess John Borg huwa ma kienx sab oġġezzjoni li jsir dan għaliex kien taħt impressjoni li l-pjanċi kienu t-tnejn li huma tal-istess valur. Kien biss xi żmien wara, meta mar jiċċekja jistax ikun membru tal-Coop bil-pjanċa JVY 014 li nduna li din ma kinitx *"red plate"* u li għalhekk ma setgħax jissieħeb mal-kooperativa. Illi min-naħa l-oħra, l-intimat allavolja jsostni illi l-ftehim bejniethom kien li jsir it-tpartit tal-pjanċi, madanakollu, jammetti illi għalih l-'akkwist' tal-pjanċa HMY 258 ma kinitx importanti billi għalih kienu fondamentali aspetti oħra bħal vann aktar modern b'*airconditioning* system.

68. Illi għaldaqstant, din il-Qorti tħoss illi mill-provi u mill-fatti kollha riportati, jidher ċar illi kien hemm żball li jolqot is-sustanza tal-oġġett u b'hekk it-trasferiment li permezz tiegħu l-pjanċa HMY 258, li kienet proprjeta' tas-soċjeta' attriċi (issa YPY 258) għaddiet għand l-intimat u l-pjanċa JVY 014, li kienet proprjeta' tal-intimat, għaddiet għand is-soċjeta' attriċi għandu jiġi annullat.

## B. Il-Kwistjoni tad-Danni

69. Referenza ser issir issa għat-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti in kwantu msejsa fuq id-danni, senjatament is-sitt, is-seba' u t-tmien talba.

70. Jiġi rilevat minn din il-Qorti, illi s-soċjeta' attriċi fl-1 ta' April 2025 intavolat nota li permezz tagħha ċediet in parte l-ewwel talba f'dak li għandu x'jaqsam mal-"frodi". Il-Qorti tosserva illi fil-mument illi s-soċjeta' rikorrenti għamlet dan, awtomatikament dak allegat minnha u ċioe' li l-intimat aġixxa in *mala fede*[6] jaqa' wkoll u konsegwentament dan għandu wkoll effett fuq id-danni stante illi l-aspett tad-danni ma jiskattax.

71. Illi barra minn hekk, din il-Qorti tinnota illi matul is-smiegħ tal-kawża, ġie sottolineat diversi drabi minn xhieda differenti, illi l-pjanċa HMY 258 allavolja kienet tat-tip *"red plate"* madanakollu s-soċjeta' attriċi ma kinitx irreġistrata u mdaħħla mal-kooperativa.

72. Mix-xhieda tal-intimat David Farrugia ċitata aktar 'l fuq, huwa jispjega illi:

> *"Il-Qorti:*
> *Iġifieri l-HMY 258 dak iż-żmien ma kienx imdaħħal ?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Ma kienx imdaħħal xejn u jien ħadtu bla xogħol ukoll mingħandu ..."*

73. Dan jiġi kkonfermat ukoll minn Steward Abdilla fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-7 ta' Lulju 2021 fejn huwa jgħid illi qabel ir-reġistrazzjoni magħmula mill-intimat, il-pjanċa HMY 258 ma kienet qatt irreġistrata mal-kooperativa:

> *"Dr Kirk Brincau:*

[6] Vide t-tieni talba tas-soċjeta' rikorrenti

*Mela ... qabel din sewwa ... qabel id-19 ta' Novembru tal-2019 jirriżulta mir-records tagħkom min kien reġistrat bħala membru fuq dan il-vann ... fuq din il-plate?*

*Ix-Xhud:*
*Ħadd ma kien reġistrat fuqha.*

*Dr Kirk Brincau:*
*Qabel din ir-reġistrazzjoni ma kellkom lil ħadd reġistrat magħkom?*

*Ix-Xhud:*
*Le."*

(fol 35 et seq)

74. L-istess jingħad għax-xhieda mogħtija minn Alan Lucchese fejn huwa jtenni illi:

*"Ix-Xhud:*
*It-258. Jekk kienx abjad ... li kien miżbugħ aħmar ... kien aħmar. Imma permess ta' aħmar jew abjad ma kellux. Ma kienx Co-Op jew xi ħaġa, għax forsi tagħrfu minn hemm hekk ... imma dan ma kien xejn.*

*Il-Qorti:*
*Aħmar biss.*

*Ix-Xhud:*
*Kulur aħmar"*

(fol 94 et seq)

75. Din il-Qorti tqis illi x-xhieda riprodotta tkompli tikkonferma illi filwaqt li l-pjanċa HMY 258, li kienet tappartjeni lill-attriċi, kienet ikkonsidrata bħala *"red plate"* u għalhekk eliġibbli biex tissieħeb membru mal-kooperativa, madanakollu ma kinitx irreġistrata mal-istess kooperativa. B'hekk, dan kollu jkompli jitfa' dawl li t-talbiet tas-soċjeta' attriċi msejsa fuq id-danni għandhom jiġu miċħuda.

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat;

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni u t-tielet eċċezzjoni tal-intimat in kwantu relattivi għall-"qerq u vjolenza" in vista tan-nota tas-soċjeta' attriċi datata 1 ta' April 2025 filwaqt illi tiċħad il-bqija tal-eċċezzjoni msejsa fuq "żball";

**Tilqa'** r-raba', l-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjoni tal-intimat;

**Tiċħad** in parte t-tmien eċċezzjoni tal-intimat u dan in kwantu kompatibbli ma' dak deċiż;

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi in kwantu relattiva għall-"frodi" u dan in vista tan-nota tagħha stess tal-1 ta' April 2025 filwaqt illi:

**Tilqa'** l-bqija tat-talba msejsa fuq "żball li jolqot is-sustanza tal-oġġett mertu tal-ftehim" u għalhekk:

**Tiddikjara** li trasferiment u/jew tpartit tal-pjanċa HMY 258 mal-pjanċa JVY 014 huwa null u mingħajr effett;

**Tilqa'** t-tielet talba tas-soċjeta' attriċi u tordna lill-intimat David Farrugia jiffirma kwalunkwe dokumenti meħtieġa u/jew jidher sabiex ir-reġistrazzjoni tal-pjanċa HMY 258, jew ir-"red plate" b'numru ta' reġistrazzjoni divers, tirritorna għall-istatus quo ante f'isem is-soċjeta' rikorrenti b'dan li l-"white plate" u ċioe' l-pjanċa JVY 014 tiġi ritornata lill-intimat;

**Tilqa'** r-raba' talba tas-soċjeta' attriċi u tappunta lil Dr Julia Micallef Stafrace, a spejjeż tal-intimat, in sostituzzjoni tal-intimat sabiex jiffirmaw kwalunkwe dokumenti meħtieġa u/jew jidhru sabiex ir-reġistrazzjoni tal-pjanċa HMY 258 jew ir-"red plate" b'numru ta' reġistrazzjoni divers, tirritorna għall-istatus quo ante f'isem is-soċjeta' rikorrenti f'każ ta' inadempiment tal-intimat b'dan li l-"white plate", u ċioe' l-pjanċa JVY 014 tiġi ritornata lill-intimat;

**Tilqa'** l-ħames talba tas-soċjeta' attriċi u tordna n-notifika ta' din id-deċiżjoni lil Transport Malta (Lands Directorate) għall-informazzjoni u l-adempiment tal-istess.

**Tiċħad** it-tieni, s-sitt, s-seba' u t-tmien talba tas-soċjeta' attriċi.

Spejjez tal-proceduri a karigu tal-intimat.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**